

Brussell, 17 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5176/25

Fajls Interistituzzjonali:
2024/0306(NLE)
2024/0305(NLE)

FRONT 4
COWEB 5
MIGR 6

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	16475/24 + ADD 1+ ADD 2; 16476/24 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina <ul style="list-style-type: none">• adozzjoni Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina <ul style="list-style-type: none">• talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-18 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina.
2. Il-Ftehim għandu l-għan li, abbażi tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624¹, jawtorizza lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tistazzjona timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti fil-Bożnija Ħerzegovina.

¹ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

3. In-negozjati ġew iffinalizzati b'suċċess bl-inizjalar tal-abbozz ta' ftehim dwar l-istatus mill-Kummissjoni u l-Bożnija-Ħerzegovina. Fit-28 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina, u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim². Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar il-proposti f'laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI (Fruñtieri) fil-5 ta' Diċembru 2024.
4. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li ma japplikawx għall-Irlanda, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen³. Għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
6. Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat u li d-dikjarazzjoni konġunta mehmuża tiġi approvata.
7. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill, f'sessjoni li jmiss:
 - a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim. It-testi tad-Deċiżjoni, flimkien mad-dikjarazzjoni konġunta, u tal-Ftehim, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, jinsabu fid-dokumenti 16664/24 u 16665/24, rispettivament;
 - b) jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq u t-test tal-Ftehim jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali;

² 16475/24 + ADD 1 + ADD 2 u 16476/24 + ADD 1.

³ ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

- c) jiddeċiedi li l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif jinsab iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 16666/24, jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
8. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-deċiżjoni dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-PE.
-